19 t'Ottubru, 2016

Lic-Chairperson,
Awtorita' dwar l-Ambjent u r-Riżorsi
Prof Victor Asciak
Hexagon House,
Spencer Hill,
Marsa, MRS1441

Għażiż Prof. Asciak

**Konsultazzjoni pubblika dwar il-powerstation u t-tanker tal-gass fil-bajja ta' Marsaxlokk**

Qiegħed niktiblek sabiex formalment nitolbok testendi l-perjodu tal-proċess ta' konsultazzjoni dwar il-powerstation u t-tanker tal-gass fil-bajja ta' Marsaxlokk li nfetaħ illum għal 30 jum biss.

Qed nagħmel din it-talba għaliex kien biss illum, wara pressjoni kbira u wara aktar minn sentejn stennija, li ġew pubblikati r-rapporti relevanti li suppost huma l-bażi tal-proċess ta' konsultazzjoni pubblika.

Issa li sa fl-aħħar ġew pubblikati, jirriżulta li r-rapporti jlaħħqu mal-għexieren ta' eluf ta' paġni u huwa ridikolu li l-Awtorita' tippretendi li kwalunkwe persuna, anki esperta, aħseb u ara mhux esperta, tista' taqra u tistudja dan il-materjal kollu b'mod li tkun tista' tressaq każ serju quddiem l-Awtorita' fiż-żmien stipulat.

Iqum mill-ewwel is-suspett li qed isir sforz sabiex tigi eskluża l-possibilita' li jkun hemm proċess serju u effettiv ta' konsultazzjoni pubblika kif jorbtuk li tagħmel kemm id-Direttiva Seveso kif ukoll il-Konvenzjoni Aarhus. Ifisser ghalhekk li l-proċess huwa intrinsikament difettuż u jagħtik x'tifhem li diġa wasal għall-konklużjoni li japprova dan il-proġett, inkluz it-tanker kontroversjali tal-gass, qabel biss ma beda.

Għaldaqstant qiegħed nerġa niktiblek f'temp ta' ġimgħa sabiex, f'ġiegħ l-interess tan-nies li jistgħu jintlaqtu minn kwalunkwe riskji ta' proġett bħal dan, tara li l-proċess ta' konsultazzjoni pubblika jkun proċess serju u effettiv.

Huwa għalhekk li qiegħed formalment nitolbok li testendi l-perjodu ta' konsultazzjoni biż-żmien neċessarju li jagħti kull ċans lil kull min, anki membru tal-pubbliku inespert, li jaqra r-rapporti u jħejji l-oġġezzjonijiet tiegħu u jipparteċipa bis-sħiħ fil-proċess.

Inselli għalik u nistenna azzjoni immedjata mingħandek.

Simon Busuttil
Kap tal-Oppożizzjoni